

# Mużika u Baned

## *Il-ħames parti*

*kitba u riċerka ta' Lorenzo Zahra*

Wara li nedejna din ir-rubrika interessanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004 (fejn bdejna mill-1805 u koprejna sa l-1883), komplejna bit-tieni parti fl-annwal 2006 (snin 1884-1891), it-tielet parti fl-2007 (snin 1892 u 1893), ir-raba' parti fl-2008 (snin 1894 u 1895), ser inkomplu l-ħames parti, fejn ser nibdew mill-1901 sal-1903.

Ta' min jirrimarka li ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien. Huwa fatt ukoll li xi baned ma tantx kienu jagħtu każ biex jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għall-publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibgħatu l-programmi li jkunu ser jesegwixxu u li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess Każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna - l-awtur Lorenzo Zahra.

Referenzi u abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Avv | Avvenire |
| B tal-M | Bandiera tal-Maltin |
| CMM | Cor. Merch. Maltese |
| DMC | Daily Malta Chronicle |
| G di M | Gazzetta di Malta |
| M/H | Malta Herald |
| M | Il Malta |
| M/O | Maltese Observer |
| M/T | Malta Tagħna |
| Malta Std. | Malta Standard |
| Pub. Op. | Public Opinion |
| USG | United Serv. Gazette |

### 1901

Is-sur Edward Walter, li kien joqgħod f'51, Strada Irlandese, il-Birgu, ivvinta strument mużikali msejjaħ 'Calabina'. Hu għamel 200 wieħed u kienu jinbiegħu bejn żewġ liri u sitt liri. Uħud bdew isejħulu 'banju', però kien aktar fond, b'ħames settijiet ta' kordi u b'ton tassew ħelu u mimli karatteristika distinta mill-kitarra jew il-mandolina. Kienu bosta dawk li ammiraw dan l-istrument. (DMC, 15/01).

La Vincitrice tistieden lill-*Prince of Wales* biex turi dejjem is-simpatija lejn is-seklu XX. (Malta, 05/01)

Il-Banda S. Elena fil-Pjazza S. Ġorġ il-Belt diretta mill-Cav. Rafel Ricci. (Malta, 17/01).

Il-Banda Cavalieri di Malta fil-festi Nazzjonali f'Tas-Sliema diretta minn Miruzzi. (Malta,18/01).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu fil-festa ta' San Pawl il-Belt. (Gaz. di Malta, 15/02).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu tqassam 1000 ħobża ta' ratal lill-foqra fil-Kottonera. (Gaz. di Malta, 06/02).

Il-Banda Prince of Wales tal-Belt tibdel isimha għal King's Own. (M/Tagħna, 16/03).

Il-Banda Duke of York u Dr. Inglott jilqgħu lid-Duka fid-Dwana l-Belt. .(M/Tagħna, 06/04).

Il-Baned ta' Birkirkara daqqew bla permess meta tellgħu l-Qanpiena u l-Kumitat kien immultat. Sar kumment biex tal-Birgu ma għandhomx għalfejn jitħabbu mal-Ingliżi. (Il-Bandiera tal-Maltin, 06/04).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu fil-festa ta' S. Filep f'Ħaż-Żebbuġ, taħt is-Surmast Ricci. (Gaz. di Malta, 20/04).

Il-Banda La Vincitrice fil-festa ta' S. Publiju, taħt is-Surmast Ricci u tingħata żewġ koppi tal-fidda. (Malta, 20/04).

Funeral ta' bandist ta' La Vincitrice - Neriku Cachia fl-Isla. Ħadu sehem tal-Birgu, Bormla, La Vallette u tas-Sliema. (Il-B. tal-M., 20/04).

Fil-festa ta' S. Publiju kien hemm il-Banda Duke of York taħt Mro. Ricci, L'Isle Adam taħt G.Grech u La Vallette taħt Mro. Lucia. (Malta, 26/04).

Il-Banda Cavalieri di Malta f'Għar id-Dud diretta minn Miruzzi. (Malta, 10/05).

Mro. Filippo Galea jfaħħar il-banda tal-Birgu Duke of York. (G. di M., 21/06).

Il-Banda King's Own f'Catania taħt il-president Lanzon. Il-Banda La Vallette tingħata standard tal-Papa. (M/T, 29/06).

Il-Banda La Vallette f'Sirakuża u marru magħha xi

mitt ruħ. (M/T, 06/07, Is-Salib 04/07 u 04/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh b'uniformi sajfija eleganti, maħduma mid-ditta Vella Zarb ta' Strada Rjali l-Belt u tiġi mżanżna waqt programm fl-Imsida. .(M/T, 20/07).

Fil-festa ta' S. Lawrenz, il-King's Own u l-RMA fil-Birgu. .(G. di M., 08/08).

Il-Baned King's Own, Duke of Edinburgh u l-Queen's Own fil-festa Nazzjonali. (Il-Poplu Malti, u Malta, 28/09).

## 1902

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu fil-Pjazza l-Belt diretta minn Ricci. .(M/T, 25/01).

Ilmenti li ħafna nies kienu qed jimxu mal-Banda La Vallette fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-kbira. (M/T, 05/04).

Il-Banda King's Own tmur Palermo. (M/T, 07/06).

Il-Banda La Vallette ma taċċettax li tieħu sehem fir-Rebħa tal-Boeri, u tiġi mfaħħra. (Il-B. tal-M., 07/06).

Il-Banda tal-Birgu Prince of Wales fil-Belt fi Pjazza S. Ġorġ diretta minn Mro. Ricci. (M/T, 14/06).

Il-Banda La Vallette tmur Palermo u magħha marru xi 500 ruħ. (M/T, u l-B. tal-M., 28/06).

Il-Banda King's Own tieħu sehem fil-festa tar-Rebħa tal-Boeri. (B. tal-M., 05/07).

Il-Banda La Vallette tagħmel marċ bil-fanali fil-festa tal-Karmnu. (B. tal-M., 13/07).

Il-Banda S Giorgio ta' Bormla mfaħħra għax uriet li hija Banda Maltija meta ma ħaditx sehem fir-Rebħa tal-Boeri u minħabba f'hekk irriżenja l-President Dr. Felix Inglott. (B.tal-M., 13/07).

Il-Gvernatur ippreżenta tazzi tal-fidda lill-baned li ħadu sehem fil-festi tal-*Coronation*. (Portafoglio, 18/07).

Il-Banda King's Own tmur f'Acireale, Sqallija. (Il-B.tal-M., 02/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh tieħu sehem fil-festi ta' San Duminku fil-Belt. (M/T, 09/08).

Il-Banda La Vallette tmur f'Katanja, Sqallija. (M/T, 23/08).

Il-Banda King's Own attakkata u msawta ġewwa Bormla. .(Il-B. tal-M., 13/09).

Il-Baned tal-Belt jieħdu sehem fil-festi ta' San Duminku fil-Belt. Il-La Vallette taħt Mro. Lucia, u l-King's Own taħt Mro. Ricci. (Il-Poplu Malti, 20/09).

Il-Banda King's Own tipparteċipa fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal-Qormi. (M/T, 05/11).

Il-Banda La Vallette fl-Isla tingħata standard waqt diskorsi minn Mons. Panzavecchia, is-Sur Farrugia u Dr. Refalo. (Il-B. tal-M, 06/12).

## 1903

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu fil-Pjazza Vittoriosa diretta mis-Surmast Ricci. (M/T, 03/01).

Il-Banda San Mikiel fil-Pjazza Prince of Wales f'Ħaż-Żabbar bi programm dirett minn G. Micallef u tintemm bil-*God Save*. Il-Banda Sant' Elena fil-Ġonna ta' Sant' Anton il-Ħadd, 18 ta' Jannar. (M/T, 17/01).

Funeral tal-Bandist G. Farrugia tad-Duke of Edinburgh u ħadu sehem il-King's Own, San Giorgio, La Vincitrice u Prince of Wales. Kienet ix-xita u l-funeral twassal sa fejn San Andrija f'Bormla. (M/T, 07/03).

Il-King's Own ippreżentata bi standard rjali mir-Re, it-Tnejn, 20 t'April. Kien hemm preżenti l-Banda King's Rifles fil-preżenza tal-Gvernatur il-Kurunell Biancardi u l-Maġġur Butcher. (DMC, 22/04).

Il-Banda La Vincitrice tal-Isla tingħata standard tal-Papa Leone XIII. (M/T, 30/05).

Sitt baned fil-festa ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ: La Vallette, De Rohan, San Gaetano, Prince of Wales, **Nicolò Isouard**, Konti Ruġġieru. (M/T, 13/06, però l-ġurnal 'Il Malta' jippubblika biss il-Banda La Vallette).

Il-La Vincitrice tal-Isla tieħu l-isem ta' Queen's Own fil-festa tat-Trinità. (M/T, 13/06).

Tliet baned fi Pjazza San Ġorġ il-Belt: il-Queen's Own, il-King's Own u d-Duke of Edinburgh. (M/T, 20/06).

Senglea ta' Gaetan Grech tilqa' lill-King's Own ta' A.P. Hare u ppreżentata bi standard. (DMC, 10/07).

Il-Queen's Own tmur Sirakuża, Sqallija fit-12 ta' Settembru. (M/T, 22/08 u DMC, 08/09).

Il-King's Own tmur Tunes fis-16 t'Awwissu bil-Carola. Hemm ikunu milqugħa minn żewġ Baned - Stella d'Italia u Harmonic Francais u tkun imwassla għand il-Konslu Ingliż u hemm tingħata standard. (DMC, 24/08 u M/T, 15/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh titlaq lejn Katanja fit-22 t'Awwissu diretta mis-Surmast Gaetan Grech u tmur bil-Carola. Il-biljetti kienu 12-il xelin prima klassi u terza klassi ħames xelini (58 ċ. t'ewro). (M/T, 05/09 u l-Poplu Malti, 15/08).

Iċ-Circolo La Vincitrice joffri standard irjali lill-Banda Queen's Own (taħt Mro. Parisi), li kien inħadem minn Giacomo Casingena li kien il-*Leading Flag Maker* fit-Tarzna. Dakinhar kien hemm ukoll il-King's Own bl-uniformi il-ġdida u ppreżentata b'bukkett fjuri artifiċjali. (DMC, 04/09 u 11/09).

Kien hemm ilmenti għax il-baned ma jdoqqux l-Innu Nazzjonali, mentri l-Banda Duke of Edinburgh iddoqq l-Innu Nazzjonali tal-Prof. Buillon. (Il-Poplu Malti, 26/09).

Jidher li l-baned ma kienux jithallew idoqqu l-Innu Nazjonali, imma l-*God Save*. Hekk ġara f'Tunes meta l-King's Own temmet bil-*God Save*. Il-Ġurnal jilmenta li l-Gvernatur kien għalaq it-Teatru meta xi Maltin riedu li jindaqq l-Innu Nazzjonali. (Il-B. tal-M., 05/09, Nru. 296).